

## Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell*

*Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva "IPH iPhone" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 35, 38, 41 u 42 — applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5562822*

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti*

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 2901007 għat-trade mark verbali "IPHONE", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 38 u 42*

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni parzjalment milqugħha*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud*

*Motivi invokati: ir-rikorrenti tqis li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikoli 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell applika b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-artikoli għat-trade mark ikkointesta.*

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2010 — ClientEarth vs Il-Kunsill

(Kawża T-452/10)

(2010/C 328/64)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

*Rikorrenti: ClientEarth (Londra, ir-Renju Unit), (rappreżentant: S. Hockman QC, Barrister)*

*Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*

## Talbiet tar-rikorrenti

- tiddikjara li l-konvenut kiser ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 (¹);
- tiddikjara li l-Kunsill kiser l-Artikolu 294(6) TFUE billi naqas li jinforma lill-Parlament Ewopew kompletament bir-raġunijiet li wasslu sabiex jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata tas-26 ta' Lulju 2010 (Ref. 15/c/01/10), li permezz tagħha l-Kunsill ta'veġiba negattiva taħt l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, u b'hekk irrifjuta li jipproduċi d-dokument Nru 6865/09;

— tordna lill-konvenut jipprovdi aċċess għad-dokument mitlub; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tar-rikorrenti skont l-Artikolu 87 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, inklużi l-ispejjeż tal-parti intervenjenti.

## Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti titlob, skont l-Artikolu 263 TFUE, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010, li permezz tagħha l-konvenut naqas li jipprovdi lir-rikorrenti aċċess għad-dokument Nru 6865/09, li fih opinjoni tas-servizz legali tal-konvenut rigward il-proposta tal-Kummissjoni għat-tfassil mill-ġdid tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u, b'mod partikolari, l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew li jinsabu fir-rapport Cashman.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tippreżenta l-motivi li ġejjin:

Fl-ewwel lok, id-deċiżjoni kkontestata tikser it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u l-Artikolu 294(6) TFUE. L-iżvelar tal-opinjoni legali mitlub ma jippreġudikax il-protezzjoni tal-opinjoni legali bl-istess mod li ma jippreġudikax l-interess tal-Kunsill li jitlob u li jirċievi opinjoni legali direttu u sinċiera, oġġettiva u komprensiva. L-istadju tal-ewwel qari tal-proċedura leġiżlattiva għandu jimplika żvelar tal-opinjoni legali dwar l-ammissibbiltà tal-emendi proposti mill-Parlament Ewropew.

Fit-tieni lok, id-deċiżjoni kkontestata tikser l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. L-Artikolu 4(3) ma huwiex applikabbli għall-protezzjoni tal-opinjoni legali. Anki li kieku kien applikabbli, l-iżvelar tal-opinjoni mitlub ma jippreġudikax serjament il-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni jiet tal-Kunsill. L-iżvelar ma jippreġudikax il-kapaċċità tas-servizz legali li jirrapreżenta l-pożizzjoni tal-Kunsill fi proċeduri ġudizzjarji ħielsa minn kull influenza esterna, u lanqas l-indipendenza tas-servizz legali tal-Kunsill, u lanqas ma jimpedixxi diskussionijiet interni tal-Kunsill dwar l-emendi tal-Parlament.

Barra minn dan, id-deċiżjoni kkontestata tikser l-aħħar inċiż tal-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, billi tonqos li tevalwa jekk kienx hemm interessa pubbliku ikbar fl-iżvelar u li tipprovd motivazzjoni dettal-jata għal tali rifjut. Il-Kunsill ma jibbilancjax il-protezzjoni tal-opinjoni jiet legali mal-interess pubbliku li d-dokument ikun aċċessibbli fid-dawl tal-vantaġġi li jirriżultaw fi trasparenza ikbar u tal-fatt li aċċess għall-opinjoni mitlub jippermetti l-iċ-ċittadini jipparteċipaw iktar mill-qrib fil-proċess tat-tfassil mill-ġdid tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li jikkonċerha lill-pubbliku b'mod ġenerali peress li huwa jipprovdi lil dan tal-aħħar il-bażi li fuha huwa jkun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu li jingħata aċċess għal dokumenti miżmuma minn insituzzjonijiet tal-UE.

Finalment, id-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 billi tonqos li tagħti aċċess parzjali għad-dokument mitlub.

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 1, Vol. 3, p. 331)

## Rikors ipprezentat fl-24 ta' Settembru 2010 — Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-453/10)

(2010/C 328/65)

## Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

# Partijiet

Rikorrent: Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development (Belfast, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: K. Brown, Solicitor u D. Wyatt QC, Barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/399/UE<sup>(1)</sup>, tal-15 ta' Lulju 2010, notifikata bid-dokument numru C(2010) 4894, sa fejn din tikkonċerna rettifica ta' 5 % applikata fuq ċertu nfiq imġarrab fl-Irlanda ta' Fuq matul is-sena finanz-ja 2007, fammont ta' EUR 18 600 258,71; u
  - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

#### Motivi e argumenti prinċipali

B'dan ir-rikors, ir-rikorrent jitlob l-annullament parzjali, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/399/UE, tal-15 ta' Lulju 2010, notifikata bid-dokument numru C(2010) 4894, sa fejn din teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea l-entrata relativa għal rettifika ta' 5 % applikata għal-ċertu nfifq imġarrab fl-Irlanda ta' Fuq matul is-sena finanzjaria 2007, fammont ta' EUR 18 600 258.71.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka l-motivi segwenti.

Qabel kollox, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-entrata msemmija, tirriżulta minn żball ta' fatt u ta' liġi, għaliex l-insuffiċjenzi kkonstatati minnha fil-kontrolli prinċipali u l-eventwali effetti tagħhom fuq id-dikjarazzjoni tal-ettari eliġibbli matul is-sena ta' dikjarazzjoni 2006 ma setgħux jiġi konsideraw il-possibbiltà ta' korrezzjoni ta' 5 % applikabbli għall-infıq ikkonċernat kollu fl-Irlanda ta' Fuq għal dik is-sena. Tali dikjarazzjoni jieft jaċċiżi minnha mill-ħlasijiet favur l-agrikolturi bejn l-2000 u l-2002 u, għad-daqstant, setgħu iżiżu biss in-numru, u mhux il-valur, tad-drittijiet għall-ħlas stabiliti fl-2005. Madwar 78 % tad-drittijiet għall-ħlas li għandhom jiġi attribwi u mqassma bejn l-ettari eliġibbli ddikjarati mill-agrikolturi fl-2005 ġew determinati mill-ħlasijiet favur l-agrikolturi kkonċernati bejn l-2000 u l-2002 u din il-perċentwali mhijiex milquta mill-iżbalji relatati mal-kalkolu tan-numru ta' ettari eliġibbli fl-2005, li ġew ripetuti fl-2006. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet relativi għat-tnejja u għall-esklużjonijiet, jew għas-sanzjonijiet, jaapplikaw bla ħsara għall-prinċipju tal-aġġustament retroattiv tad-drittijiet għall-ħlas u bla ħsara għall-prinċipju li jgħid li, meta agrikoltur jagħmel dikjarazzjoni jeżda tal-ettari eliġibbli u tad-drittijiet għall-ħlas, iżda s-superfiċji agrikola ddefinita bħala eliġibbli tkun suffiċċenti sabiex jiġi attivati drittijiet għall-ħlas kollha li dawn jistgħu effettivament jipprendu, ma tīgi imposta ebda sanzjoni. Il-Kummissjoni interpretat b'mod żabaljat id-dispożizzjoni jieft li jistabbilixxu dawn il-prinċipji u, konsegwentement, għamlet stima ferm oħġla mill-valur reali tal-ammonti rekuperabbi mingħand l-agrikolturi tal-Irlanda ta' Fuq abbażi tad-dikjarazzjoni jeżda relativi għas-sena ta' dikjarazzjoni 2006.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità meta evalwat it-telf probabbli għal 5 % tal-ispejjeż esposti kollha, meta l-prinċipju sottostanti li għandu jiġi applikat meta ma jkunx possibbli li jiġi evalwat bi preċiżjoni t-telf għall-fondi tal-Unjoni Ewropea huwa li r-rata ta' korrezzjoni għandha tkun relatata b'mod ċar mat-telf probabbli. Din l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni hija bbażata fuq żewġ premessi żbaljati: l-ewwel waħda hija li mħuwiex importanti li l-iżbalji marbuta mal-evalwazzjoni żejda ta' artijiet eliġibbli fl-2005 u fl-2006 ma setgħux ikollhom effett negattiv fuq madwar 78 % tad-drittijiet għall-ħlas li kellhom jiġu attribwiti lill-agrikolturi u b'hekk ma setgħux jikkostitwixxu riskju għall-fondi. It-tieni premessa żbaljata hija relatata mal-fatt li l-Kummissjoni stmat żejjed b'mod sinjifikattiv l-ammonni rekuperabbi mingħand l-agrikolturi tal-Irlanda ta' Fuq f'każ ta' dikjarazzjonijiet żejda fl-2006. Finalment, peress li l-applikazzjoni, mill-Kummissjoni, ta' tnaqqis ta' 5 % hija bbażata fuq stima ferm ogħla mill-valur reali tat-telf effettiv probabbli għall-fondi tal-Unjoni Ewropea, jidher f'dan il-każi li t-tnaqqis ta' 5 % kien eċċessiv u għalhekk mhux proporzjonat.

(<sup>1</sup>) Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-15 ta' Lulju 2010, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-İzvilupp Rurali (FAEŻR) (notifikata bid-dokument numru C(2010) 4894) (ĠU L 184, p. 6).